MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Numru 438/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**Vs**

**Jean-Paul Francis Desmond Raphael Ivan Jacob Mamo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jean-Paul Francis Desmond Raphael Ivan Jacob Mamo bin Emmanuel Anthony Carmel Gejtan u Lois Anna Marie nee' Robicheau, imwieled Cardiff, Wales nhar il-11/09/1976, indirizz mhux maghruf u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 18087M.

Billi gie akkuzat talli fl-04 ta’ Frar 2009 bejn id-09:00am u l-04:00pm, gewwa l-Belt Valletta, b’diversi atti maghmulin minnhu, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

1. Ikkommetta serq ta’ diversi oggetti u flus li jammontaw aktar minn EUR 232.94, ghad-detriment ta’ Ruwella Agius detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 164287M, Gordi Felice detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 289782M u Zvetlana Borg detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 102191M, liema serq huwa kwalifikat bil-Valur;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod indahal biex ibighhom jew imexxihom;

3. U aktar talli renda ruhu recidiv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi gew definittivi u ma jistghux jigu mhassra;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali markat bhala Dok JG3 fil-Process u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab lill-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza.

Innutat ukoll li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li l-imputat ghandu problema serja tad-droga.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261(c), 267, 279(a), 17, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Jean-Paul Francis Desmond Raphael Ivan Jacob Mamo, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u minn naha l-ohra il-fedina penali xejn felici tal-imputat tikkundanna lill-imputat Jean-Paul Francis Desmond Raphael Ivan Jacob Mamo ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Jean-Paul Francis Desmond Raphael Ivan Jacob Mamo li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur rigward din l-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Jean-Paul Francis Desmond Raphael Ivan Jacob Mamo.

Finalment il-Qorti, fid-dawl ta' dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza li l-imputat ghandu problema serja tad-droga, tirrakkomanda lill-Agent Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li dan jara li l-imputat Jean-Paul Francis Desmond Raphael Ivan Jacob Mamo jinghata l-ghajnuna li ghandu bzonn sabiex jeghleb il-problema serja li ghandu tad-droga u ghaldaqstant tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lill-Agent Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------